# Beati u Qaddisin ...Frar

22 ta' Frar Santa Margerita ta' Kortona religjuza

Margerita twieldet fis-sena 1247. Ta' tmin snin tilfet lil ommha. Marret toqghod ma' zaghzugh nobbli ta' 18 il-sena minn Montepulciano li anqas ma izzewwigha meta hi kellha tifel minnu,u li safa assassinat disa' snin wara. It-tradizzjoni tirrakonta li kelb gibidha lejn il-bosk fejn sabet liz-zaghzugh kadavru. Il-genituri taz-zaghzugh keccewha 'l barra bit-tifel u Margherita anqas ma sabet kenn fid-dar ta' missierha, fejn marret wara li kellha xi tghid ma' omm dak iz-zaghzugh li kienet tghix mieghu. Kienet il-belt ta' Cortona li laqghitha meta saret taf bil-qaghda taghha. Zewg nisa sinjuri tawha kenn u xoghol bhala infermiera lil dawk li kien ser iwelldu.



Gaspare Traversi, S. Margherita da Cortona, 1758 circa

Hija habirket li teduka lil binha li wara sar frangiskan u wara x-xoghol kienet tiddedika lilha nfisha lejn il-morda fqar minn rajha u b'don ta' organizzatrici. Maghha gabret xi volontarji li sejhitilhom "Il-fqajrin", hegget l-ghajnuna b'xejn fid-dar, kellha l-ghajnuna minn familji sinjuri u fis-sena 1278 waqqfet l-isptar tal-Miserikordja ghall-fqar. Kienet taghmilha ta' kollox, infermiera, koka u dak kollu li kien jehtieg fil-mument.

Mal-hidma taghha ta' kull jum hija kienet issib hin biex timmedita il-Passjoni ta' Kristu u tghaddi hajjitha f'kors ta' penitenza. Kienet torqod f'cella qrib il-knisja ta' San Frangisk fuq mejda ta' l-injam.

Kienu jigu ghandha nies ghall-pariri u biex taghmilha ta' medjatrici bejn partijiet miggielda, bejn il-gwelfi u l-ghibellini, bejn in-nies ta' Cortona u l-Arcisqof ta' Arezzo.

Ghaddiet l-ahhar snin ta' hajjitha fis-solitudni, meqjusa minn nies bhala qaddisa, tbati f'gisimha imma sinjura fil-grazzja t'Alla. Kien il-Papa Benedittu XIII li ipproklamha qaddisa fis-sena 1728. Il-fdalijiet taghha jinsabu fis-santwarju iddedikat lilha gewwa Cortona.